SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 24**

**IT-TLIETA 5 ta' MEJJU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |

**SKUŻAT**

| | |
|---|---|
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 23 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Shephard issekonda.

**ĦATRA TA' VIĊI SINDKU**

Is-Sindku staqsiet min huwa nteressat li jassumi l-kariga ta' Vici Sindku.
Il-Kunsillier Joseph Bonello wera' l-interess f' din il-kariga u għaldaqstant ġie nnominat mis-Sindku. Il-Kunsillier Fava ssekonda. Il-vot kien unanimu.
Il-Kunsillier Bonello aċċetta din il-kariga u qara l-ittra ta' l-aċċettazzjoni.
Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li fil-jiem li ġejjien ser jagħmel arranġamenti għal ġurament tal-ħatra ta' Viċi Sindku.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Curmi nforma dwar il-kont pendenti ta' €1211.40 mill-aġenzjia tal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-kont jagħmel parti mill-ispejjes tal-Youth Exchange li kien sar mall-Finaldja. Il-Kunsillier responsabbli min din l-attivita' kien Vella Fonde'.
   Il-Kunsillier Curmi nforma li dan il-kont kien ġie diskuss fis-seduta tal-Kunsill li kienet saret fil-5 ta' Dicembru 2006.
   Kien sar qbil li l-ex kunsillier għandu jiġi l-Kunsill biex jispjega fid-dettal, pero' din il-persuna tokkupa kariga ta' Assistent Ambaxxatur barra minn Malta u għaldaqstant tkun diffiċli biex isiru kuntatti.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li f' Marzu 2009 irnexxilu jagħmel kuntatt ma' l-Ex Kunsillier. Saru arranġamenti dwar laqgħa li ser issir f' Ġunju 2009.
   Il-Kunsillier Fava ġibed għall-attenzjoni li hu ukoll kien irrimarka dwar dan il-kont fis-seduta tal-Kunsill li kienet saret fil-5 ta' Diċembru 2009 (kopja tal-minuti annessa.)

2. Il-Kunsillieri Curmi u Fava staqsew jekk sarux xi żviluppi fis-sistema Park & Ride li kellha ssir Pembroke. Huma talbu biex terġa tinkiteb ittra oħra lill-ADT sabiex dawn jinfurmaw meta din is-sistema ser tibda topera u b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent ta' parking, l-aktar ta' dawk ir-residenti li joqgħodu fin-naħa ta' isfel tas-Swieqi.

**HUGH ZAMMIT** — Segretarju Eżekuttiv

**CARMEN SAID** — Sindku

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI(jkompli..............)**

3. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk waslitx xi konferma mill-ADT dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq u culverts.
   Is-Sindku wieġbet li kellha laqgħa mall-Perit David Vassallo, Roads Manager ADT. Dan informa li x-xogħlijiet ta' resurfacing fi Triq il-Madliena ser jibdew mill-aktar fis pero' għad mhuwiex f' pożiżżjoni li jikkonferma meta se jibdew ix-xogħlijiet ta' resurfacing fi Triq Josef Kalleya, Triq il-Habba u l-culverts li għandhom isiru fil-lokalita'.

4. Il-Kunsillier Fava staqsa jekk ġietx aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill tagħna dwar Citizien Exchange mall-Kunsill ta' Taormina. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li għad ma waslitx il-konferma minn Brussel.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li kellu kuntatti mall-medjatur ta' Taormina s-Sur Joe Barbara. Dan informa li qed issir applikazzjoni biex issir iż-żjara f' Taormina minn 40 cittadin minn din il-lokalita' f' Jannar li ġej.

5. Il-Kunsillier Fava rrimarka wkoll dwar siġar li kibru għal fuq il-bankina fil-bidu ta' Triq Lourdes Lane.
   Hu talab sabiex isiru kuntatti mas-sid.

<u>Approvazzjoni ta' Managment Accounts 2008/2009.</u>

1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-management accounts 2008/2009. Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati.
   Il-Kunsill approva. Il-Kunsillier Shephard ssekonda.

2. Ġie ppreżentat ukoll il-Budget 2009/2010 u il-Business Plan 2009-2012. Dawn ġew approvati. Is-Sindku pproponiet. Il-Kunsillier Curmi ssekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku ppreżentat korrispondenza(Memo 25/2009) dwar fondi speċjali għall-lokalitajiet bi bżonn speċjali.
   Il-fondi allokati huma ta' €500,000.00. immirati biex jagħmlu tajjeb għall-lokalitajiet kollha.
   Wara diskuzzjoni dwar din l-iskema, il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għal dawn il-fondi biex tagħmel tajjeb għar-resurfacing ta' toroq fil-Madliena. Ġie deċiż ukoll li jiġi nkarigat il-Perit tal-Kunsill sabiex jaħdem l-istimi ta' toroq skond il-priorita'.
   Il-Kunsill iddeċieda dwar dawn it-toroq.
   a. Triq il-Keffa, Ibrag
   b. Triq il-Bir, Madliena
   c. Triq il-Madliena, Madliena
   d. Triq Ta' Stronka, Madliena
   e. Parti minn Triq il-Gladjoli, Madliena u
   f. Triq Pedidalwett, Madliena.

2. Is-Sindku nfurmat li fl-aħħar seduta tal-Kunsill kienet ġiet inkarigata tavviċina lill-kuntrattur tal-knies dwar kwotazzjoni biex fil-Ħdud jinkines u anki ibattal il-litter bins fi Triq is-Swieqi u Triq is-Sirk. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan il-kuntrattur talab €93.00 fix-xahar.
   Il-Kunsill aċċetta l-kwotazzjoni u talab sabiex l-imsemmija xogħijiet jibdew mill-aktar fis.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-15 ta' April 2009 saret l-Open Day tal-librerija, kif ukoll fis-16 ta' April 2009 sar il-launching tal-website. Għal dawn iż-żewġ attivitajiet ġew mistiedna l-Media.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-15 u fil-21 ta' April saru żewġ laqgħat dwar ir-riforma tal-Kunsill Lokali. Għal dawn il-laqħat attendiet is-Sindku.

5. Is-Sindku attendiet laqgħa oħra fl-24 ta' April 2009. Din kienet dwar x' qed jiġi pproponut fis-sistema tal-wardens.

6. Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċianata minn grupp ta' zgħażagħ mis-Swieqi li ser jaqdu football team f' isem is-Swieqi. Dan it-team ser jiġi rreġistrat ma' MFA. Dawn iż-żgħażagħ qed jitolbu lill-Kunsill biex jipprovdi grawnd sabiex ikunu jistgħu jitrenjaw u anki jkun jista' jintuża minn żgħażagħ oħra mis-Swieqi. Il-kirja ta' dan il-grawnd tiswa madwar €900 fis-Sena.
   Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi f' attivitajiet sportivi l-aktar minħabba li fil-lokalita' ma hawnx lok jew spazzju għar-rekjejazzjoni taż-żgħażagħ tagħna. Il-Kunsill qabel li qabel ma jikkommetti ruħu għal din il-kirja, għandu jittieħed parir mid-direttur tal-Gvern Lokali.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

**III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU(jkompli..............)**

7. Is-Sindku nfurmat dwar ħsarat fi Triq ix-xiber. Il-ħsarat f'din it-Triq ma jistawx jiġi rranġati p'sempliċiment patching. Din trid issir b'forma ta' large patching bil-hot asphalt. Is-Sindku ppreżentat stima ta' dawn ix-xogħlijiet. Din tammonta għall-€27,000.00.
   Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li hu mar fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill. Il-Perit irrakomanda li jsir xogħol differenti min dak li qed jitlob l-kuntrattur b' riżultat li l-istima torħos xi €7000.00.
   Is-Sindku pproponiet li din it-triq issir peress li din it-Triq tagħmel parti mill-aċċess għal Madliena. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir pero' bi spesifikazzjonijiet tal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill Bonello ssekonda.

8. Is-Sindku nfurmat ukoll li kellha kuntatti mall-Kappillan dwar SkolaSajf. Dan aċċetta li din l-attivita' terġa ssir fis-swali tal-Knisja.

9. Is-Sindku nfurmat li dalwaqt ser jiġi organiżżat Tennis beginners course għall-adulti. Il-lezzjonijiet jibdew isiru fil-ġnien fit-Tennis Club.

10. Is-Sindku nfurmat li irċeviet korrispondenza u anki DVD mingħand l-ADT dwar il-proposta tar-rotta l-ġdida tat-Trasport Pubbliku. Il-Kunsill ġie nfurmat li inkitbet ittra lill-ADT fejn ġie nfurmat li din ir-rotta mhux aċċettata peress li l-parti ta' fuq tas-Swieqi u tal-Madliena mhux milħuqien kif suppost.

11. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-safety material taħt is-seasaws tlesta.

12. Is-Sindku ppreżentat xi xogħlijiet ta' bankini fi Triq V. Menville, Triq il-Qawsalla u Triq il-Ħemel. Ġew ukoll ippreżentati xogħlijiet ta' ħitan li waqgħu bil-maltemp. Il-Kunsill approva dawn ix-xogħlijiet.

13. Is-Sindku nfurmat b'korrispondenza li irceviet minn St. Clare College dwar attivita' li dawn qed jorganizzaw għall-istudenti. Għal din l-attivita', dawn qed jitolbu donazzjoni. Is-Sindku nfurmat li hi għamlet kuntatti ma' kunsilli oħra dwar din id-donazzjoni. Dawn infurmaw li l-Kunsill tagħhom ser joffru €200. Il-Kunsill qabel li dan il-Kunsill għandu jagħti l-istess. Is-Sindku pproponiet. Il-Kunsillier Curmi ssekonda.

14. Is-Sindku resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jingħata' l-full performance bonus.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KORRISPONDENZA

1. Inqrat korrispondenza dwar talba għall Traffic Calmer fi

    a. Triq is-Sirk kantuniera ma' Triq il-Ħemel,
    b. Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam,
    c. 2 fi Triq is-Swieqi,
    d. 1 fi Triq il-Miġbed, u
    e. 1 Triq il-Wasliet kantuniera ma' Triq il-Għajn.

    Il-Kunsillier Fava ma qabilx li jsiru l-imsemmija camlers minħabba li jeżistu miżura oħra li jistgħu jintużaw flok calmers. Traffic calmers jistgħu jkunu ta' periklu kemm għas-sewwieqa kif ukoll ta' inkonvenjent kbir għall- Protezzjoni Ċivili u għall-Ambulanzi. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni ma' l-ADT.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Rapporti mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier rraporta li fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel tard filgħaxija qed jinġemaw żgħażagħ arab ta' eta madwar 16 il Sena. Dawn qed jitkellmu kliem oxxen u minħabba fihom xi ġenituri mhux qed jieħdu lit-tfal tagħhom jilgħabu f' dan il-ġnien.
2. Sar qbil li għandu jsir rapport lill-Pulizija meta ssir il-laqgħa tax-xahar ma' l-ispettur Sammut u mas-Supretendent Tanti.

3. Il-Kunsillier informa li fix-xhur tas-Sajf ser isiru xi kunċerti fil-luxol grounds. L-Kunsillier ippropona li għandhom isiru laqgħat ma' l-organiżżaturi dwar kumpens li jagħmel tajjeb għall-ispejjes biex titnaddaf mill-ħmieġ li dawn ikollu warajhom meta tispiċċa l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

**<u>Rapporti mill-Kunsillier Gordon Shephard</u>**

4. Il-Kunsillier irraporta l-bżonn a' Traffic Calmers fuq in-naħa tal-lemin fit-tarf ta' Triq is-Sidra kantuniera ma' Triq il-Qasam. L-iskop ta' din il-calmer huwa biex traffiku ġej mid-direzzjoni ta' Triq is-Sidra għal ġo Triq il-Qasam joħroġ bil-mod u mhux b'veloċita b' konsegwenza ta' xi aċċident fatali.
    Il-Kunsillier Fava ma qabilx li għandha tiġi nstallata Traffic Calmers oħra fi Triq is-Sidra. Il-Kunsillier irrimarka li l-aċċidenti li jsiru, huma riżultat ta' perkaġġ ħażin fil-kantuniera ta' Triq il-Qasam. Dwar dan għandha ssir sorveljanza mill-wardens u mill-Pulizija.Il-perkaċċ li jsir fl-imsemmija kantuniera qed jimblokka il-visibilita' ta' sewwieqa ħerġin minn Triq is-Sidra. Dwar dan is-suġġett is-Sindku talbet vot. B'erbgħa voti kontra wieħed l-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni ma' ADT.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI (jkompli..................)

**Rapporti mill-Kunsillier Alfred Curmi**

5. Il-Kunsillier irrimarka li t-traffic calmers li ġew installati taħt il-bridge fl-entratura tas-Swieqi ġew allokati ħażin. Dan iridu jiġu aktar il-barra mill-mini. Sar qbil li għandhom isiru l-olterazzjonijiet.

6. Il-Kunsillier irraporta wkoll li d-dawl fuq il-wip type pole fil-ġnien huma difettużi. Hu talab sabiex dawn jinbidlu.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**Performance Bonus**

1. Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomanda full Performace Bonus 6% ta' l-impjegati tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irrmarka li dawn iż-żewġ impjegati dejjem għamlu dak kollu li setgħu biex il-Kunsill jaħdem b' certu effiċjenza. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakomandazzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant approva full performance bonus. Il-Kunsillier Fava ppropona. Is-Sindku ssekondat.

*Il-Kunsillier Fava talab biex jiġi skużat. Ħin 9.15p.m.*

## VII APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

1. Inqraw il-pagamenti kollha li dehru fix-*schedule of payments.* Dawn kollha ġew approvati. Il-Kunsillier Curmi ippropona u s-Sindku ssekondat.

Billi ħadd mill-Kunsillieri ma kellu aktar x' jiddiskuti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9.30p.m.

**Sar qbil biex il-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ġunju 2009 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**